**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Frar 2017**

**Talba Nru: 108/16 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs.**

**Kevin Maxime Landais (ID 75697 (A)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-28 ta' Marzu 2016 u li permezz taghha talbet lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tmin mija u hames Euro u tmienja u disghin centezmu (€805.98), liema somma hija rapprezentanti ta' l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'SM75 PP 2G' referibbli ghall-kont bin-numru 1.10982965.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv ta' l-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Illi anness ma' din it-talba qieghed jigi prezentat affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici li bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont hawn reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu (Dok. VF 1).

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghal ittra ufficcjali intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv ta' l-istess ammont, kontra l-intimat illi hu, minn issa, ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' attrici qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, ta' l-ammont ta' tmin mija u hames Euro u tmienja u disghin centezmu (€805.98), liema somma hija rapprezentanti ta' l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'SM75 PP 2G' referibbli ghall-kont bin-numru 1.10982965.

2. Illi x-xhud Dr. Jeremy Debono ghas-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikat u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal fis-16 ta' Jannar 2017 u l-20 ta' Frar 2017.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u hames Euro u tmienja u disghin centezmu (€805.98), bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez kif mitluba huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur